# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO
## B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.

**ILLUM 30 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spett Audrey Micallef)**

**vs**

**Biagio Carmelo Gagliano**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Biagio Carmelo Gagliano,** ta' 56 sena, iben il-mejjet Rosario Gagliano u l-mejta Parma xebba Ravida, imwieled nhar it- 03 ta' Frar 1968 gewwa l-Italja, residenti gewwa 21, Flat 1, Triq in-Nazzarenu, Hamrun u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru **0008987A** akkuzat talli:

***Nhar it- 28 ta' Settembru 2024 bejn in- 12:30hrs (ta' wara nofsinhar) u 20:00hrs (ta' filghaxija) gewwa l- Harmun:***

1. ***Kiser <u>Ordni ta' Protezzjoni Temporanja</u> moghtija lilu mil- Magistrat Dott. Jean Paul Grech, LL. D nhar it- <u>28 ta' Settembru 2024</u> u dan bi ksur t'Artikolu 540A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. ***Garrejt strument li jaqta' jew bil-ponta cioe' sikkina itwal minn 8cm (sikkina tal-biccier) minghajr ma kellek licenzja jew permess minghand il-Kummissarju***

3. ***Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill-eks siehba tieghu u cioe Sylvana Zammit, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni***

***Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Biago Carmelo Gagliano a beneficju ta' l-eks siehba tieghu, u cioe' Sylvana Zammit u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta,***

***Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Sylvana Zammit u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Biago Carmelo Gagliano b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;***

***Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Biago Carmelo Gagliano sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok AM 1), current incident report (Dok AM 7) u l-atti processwali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jikkonsulta ruhu mill-gdid mal-avukat tiegħu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża ssuġġerew lill-Qorti piena ta' *Probation* u multa.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi ta' kif sehh, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena fosthom il-fatt li l-imputat għandu bzonn ghajnuna u ssuggerew li l-piena għandha tkun fil-forma ta' *probation* u multa.

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 540A u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Biagio Carmelo Gagliano** ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u **b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-ħati taht ordni ta' *probation* għal zmien ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment. Inoltre qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tiegħu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Sylvana Zammit liema Ordni huwa soggett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u kif ukoll qeda tagħti lill-ħati u toħrog kontra tiegħu Ordni ta' Trattament liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u finalment qeda tikkundanna wkoll lill-ħati multa kumplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500).**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' *Probation* tigi moghtija lill-hati u kopja ohra tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċhad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur** **30ta' Settembru 2024**